MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Numru. 494/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**Vs**

**Generoso Sammut ta’ 58 sena iben Carmelo u Josephine nee’ Attard imwieled il-Pieta’ fl-24 ta’ Frar 1954 detentur tal-karta ta’l-identita’ bin-numru 203454(M) u residenti nru 56, Triq in-Nirien, Siggiewi.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Generoso Sammut li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fit-3 ta’ Mejju 2009 fi Triq San Kataldu, Rabat, ghal habta tat-08:00hrs, volontarjament ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Carmel Galea mir-Rabat hekk kif iccertifika Dr. Charmaine Cremona MD tal-Isptar Mater

Dei, bi ksur tal-artikolu 216(b) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-21 ta' Mejju 2009 sabiex dana il-kaz jigi itrattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-akkuza ewlenija f'dana il-process kriminali hija dik tal-offiza volontarja fuq il-persuna ta' Carmel Galea. F'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali, il-Pulizija vs Emanuel Zammit, deciza fit-30 ta' Marzu 1998, gie deciz:

"Il-ligi taghna, ghall-fini tar-reat ta' offiza volontarja fuq il-persuna, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid iwiegeb ghal konsegwenzi kollha li effetivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu" Il-Professur Mamo ighid: ***"To constitute the crime of willful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the animus nocendi, the generic intent to cause harm, without requiring necessarily the actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues."***

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-incident mertu tal-kawza inqala' minhabba l-fatt illi l-imputat filwaqt li kien qed jipparkeggja, laqat il-vettura tal-parti leza li kienet ipparkeggjata ezattament warajh. Jidher illi Galea ghadda

xi kumment fid-direzzjoni ta'l-imputat minhabba l-fatt illi huwa kien habat fil-vettura tieghu. L-imputat irritalja ghal dana il-kumment b'mod ghal kollox sproporzjonat u spicca agredixxa lil Galea. Fuq dana il-fatt ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni. L-imputat madanakollu jichad illi huwa ta xi daqqa ta' ponn lil Galea u li imbuttah bil-konsegwenza li Galea waqa' fl-art u sofra griehi ulterjuri. Jikkontendi illi kien Galea li waqa' ma'l-art u b'hekk wegga'.[1] Il-parti leza minn naha tieghu ighid illi Sammut gie dritt ghal fuqu, tah daqqa ta' ponn, hattfu minn sidru u imbuttah biex b'hekk hu spicca waqa' fl-art u hemm kompla isawwtu.[2]

Konsegwenza ta' dana l-incident Galea sofra diversi griehi li kollha huma kompatibbli mal-verzjoni moghtija minnu ta'l-incident. Galea gie inizjalment invistat mit-tabib Rudolph Busuttil fic-Centru tas-Sahha tal-Mosta. Hawn il-griehi sofferti minn Galea gew iccertifikati ta' natura hafifa billi gew riskontrati mit-tabib xi tbengil u ferita fuq l-id in-naha ta' wara. Izda peress illi t-tabib dehrlu illi Galea ma kienx qed jidher tajjeb, huwa irreferieh l-isptar ghall-iktar ezamijiet medici[3]. Fil-fatt meta huwa mar l-isptar u sarlu Chest X-Ray irrizulta illi kien sofra ukoll frattura fil-kustilji. Kien minhabba f'dina ir-raguni illi it-tabiba Charmaine Cremona iccertifikat il-griehi bhala ta' natura gravi.[4]

Ma hemmx dubbju ghalhekk illi l-imputat kellu l-*animus nocendi* u cioe' xi intenzjoni generika li jikkaguna hsara fuq il-persuna ta' Carmel Galea. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu l-imputat ighid testwalment: "**Huwa hareg fil-bieb** (b'referenza ghal bar fejn kien qieghed Galea) **jghajjat ilqattni u kissirtni, jiena mort ghalih ghas-sodisfazzjoni**." Dana jikkonfermah ukoll ix-xhud okulari Joseph Vassallo li ighid : "f'hin minnhom rajt lil Sammut gie fuq Galea hatfu minn sidru u nghid illi jiena imbaghad rajt lil Galea fl-art."[5] Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju ghalhekk illi l-verzjoni moghtija mill-parti leza hija iktar wahda kredibbli. Di piu' z-zewg xhieda li iressaq l-imputat

---

[1] Ara stqarrija u xhieda ta'l-imputat a fols.12 u 63 rispettivament.
[2] Ara xhieda ta' Carmel Galea a fol.38
[3] Ara certifikat mediku esebiet a fol.10 u xhieda ta' Dr. Rudolph Busuttil a fol.25
[4] Ara certikat a fol.9 u xhieda ta' Dr. Charmaine Cremona a fol.54
[5] Ara xhieda ta' Joseph Vassallo a fol. 44 u 45

u cioe' James Darmanin u Anabelle Caciattolo,[6] t-tnejn konvenjentement ighidu illi ma raw xejn mill-incident ghaliex kif raw l-argument dahhlu jigru fil-hwienet fejn kienu jinstabu u kwindi ix-xhieda taghhom ser tigi skartata.

Illi dwar in-natura tal-griehi sofferta mill-parti leza, id-difiza tikkontendi illi l-prosekuzzjoni ma ressqitx provi sufficjenti li jistghu iwasslu lil din il-Qorti ghal konvinciment morali illi l-griehi kienu ta' natura gravi. Illi ma hemmx dubbju illi Galea sofra frattura fil-kustilji u li kien minhabba f'din ir-raguni illi t-tabiba Cremona ikklasifikat il-griehi bhala gravi. Madanakollu minn qari akkurat ta'l-akkuza jirrizulta illi dina qed tigi inkwadrata f'dak li jipprovdi l-artikolu 216(1)(b) li jaqra illi l-griehi huma ta' natura gravi "jekk igibu mankament, sfregju fil-wicc, fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta'l-offiz." Illi l-gerha fl-idejn giet medikata mit-tabib Dr. Rudolph Busuttil li ma iccertifikax l-istess bhala wahda ta' natura gravi. Di piu' it-tabiba Cremona ikkonkludiet illi l-griehi kienu gravi minhabba l-frattura fil-kustilji u mhux minhabba il-gerha f'idejn il-parti leza. Kwindi fid-dawl ta' dawn id-dubbju dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Galea, l-Qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi dawn kienu ta' natura gravi u kwindi l-imputat ser jinsab hati biss ghall-offiza volontarja ta' natura hafifa. Illi madanakollu billi l-parti leza huwa bniedem li kellu l-eta ta' 67 sena kwindi jirrizulta l-aggravju ikkontemplat fl-artikolu 222A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta tigi biex tqies l-akkuza kontravvenzjonali dwar l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika, l-Qorti sejra taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Maria Concetta Green' (Volum LXXXIII Part IV paġina 441):

***'L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat ġew eżaminati funditus f'diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun***

[6] Fols.65 u 68 rispettivament

***hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għamil iseħħ inissel imqar minimu ta' nkwiet jew tħassib f'moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'riżultat dirett ta' dak l-għamil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni għal dak l-għemil.***

***L-iskambju ta' kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjeta') ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali.***'

Illi ma hemmx dubbju illi fil-kolluzzjoni li kien hemm bejn l-imputat u l-parti leza wassal ghal *breach of the peace* kif mitlub fil-ligi tant illi kien hemm minn ta'l-inqas tnejn minn nies li meta raw dina l-kolluzzjoni huma bezghu u dahhlu 'il gewwa fil-hwienet li kienu fihom. Inoltre x-xhud Vassallo intervjena sabiex iwaqqaf dina l-glieda. Kwindi dina l-akkuza ukoll tirrizulta ippruvata.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 221, 222A u 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba il-konfront tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tlett xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------